# Lejn Mużika Siekta:
# Taħdita mużikali fi tliet movimenti
## Towards Silent Music:
## A Musical Talk in Three Movements

**Manoel Pirotta**
manoel.pirotta@um.edu.mt

**Abstract**

Before the advent of music, sounds emanated from natural elements. Man broke the first barrier by creating music which, over time, appeared in different cultures that gave birth to myriad styles. However, this also contributed to an increase in many artificial noises which came about as a result of 'progress'. Man tried in vain to translate these 'noises' into his compositions but music still lacked the necessary oxygen injected by previous composers into their masterpieces. A second barrier was broken by creating a new style which contained fewer notes to the accompaniment of celestial harmonies. The true final break came with the arrival of perfect silent music.

This paper will focus on how these three ground-breaking barriers came about: (i) Ode to Jubal – father of music; (ii) Edge of silence in Camilleri's music; (iii) In the shadow of silence with Cage. This presentation will also include piano and violin performances of three musical excerpts. As part of this musical voyage I shall be talking about (i) the biblical character of Jubal, inventor of musical instruments, and my work in his honour; (ii) the creation of silent music in one of Camilleri's latest works; (iii) the arrival of silence in a famous work by Cage which represents the type of music containing imaginary sounds.

**Keywords**: Jubal, musical genesis, silent music, sound of silence, Charles Mario Camilleri, John Cage

### L-Ewwel moviment: Odi Lil Ġubal Bin Lamek – Missier il-Mużika Bnedmija

Il-ħsejjes naturali kienu ferm qabel ewl il-bniedem fuq wiċċ id-dinja. Tant hu hekk, li huwa twieled b'par widnejn biex ikun jista' jismagħhom. Megħlub mill-kurżità li minnha sa minn dejjem kien ibati u l-effett li dal-ħsejjes iħallu fuqu, il-bniedem ra kif għamel u beda jikkontempla kif jista' b'xi mod jimitahom għax ġo fih ħass li permezz tagħhom seta' jesprimi l-ħsus primittivi tiegħu.

Skont it-Testment il-Qadim, fil-kotba tal-Ġenesi, li jitkellmu fuq il-ħolqien tal-univers u l-bniedem, insibu li Ġubal, iben Lamek u Għada, huwa missier dawk kollha

li jdoqqu l-istrumenti mużikali. Ġubal kellu wkoll ħuh Ġabal, missier dawk li jgħixu fl-għerejjex u jrabbu l-imrieħel. Il-Bibbja tgħid li dan Ġubal kien il-bniedem li ivvinta ċ-ċetra, strument tal-korda, biex bid-daqq doċli tal-akkordji kien ikun jista' jhenni 'l qalbu skont il-qagħda sentimentali li kien ikun jibsab fiha; kif ukoll il-flawt, strument magħmul mill-qasba, li d-daqq rqiq u leġġier tiegħu huwa xbieha kważi perfetta tal-għana spirtu pront tal-għasafar, għax Alla ħa ħsieb iwelled lill-bniedem fuq xbiha tiegħu, mogħni bl-għerf u l-intelliġenza, u fuq kollox b'sens ta' kreattività li mill-iċken ħsieb astratt f'moħħu għandu ħila jdawru f'xi ħaġa tanġibbli.

Dan kollu jfisser li Ġubal kien l-ewwel mużiċist u kompożitur li tgħallem waħdu li nafu bih, u l-ewwel bniedem li ġih f'rasu li mix-xejn jikkomponi l-ewwel bċejjeċ mużikali, aktarx improvvizzati, li qatt eżistew fuq wiċċ id-dinja. Qablu qatt ħadd ma kien hemm li seta' jurih x'inhija mużika, jew li b'xi mod seta' jsemmagħhielu jew jgħallimhielu, u l-unika ispirazzjoni tiegħu bilfors li kienet ġejja mill-ħafna ħsejjes, kbar u żgħar, irqaq jew ħoxnin, ħelwin jew tal-biża' li kienu konstament jiżgħedu lill-ambjent primordjali ta' madwaru. Iżda wisq naħseb li Ġubal, aktar milli ħalaq il-mużika sempliċiment biex joqgħod jitpaxxa biha waħdu biss, fiha sab il-mod kif seta' jibda jesprimi l-ħsus ġewwiena tiegħu u fl-istess ħin jaqsamhom flimkien ma' oħrajn. Dan żgur li wassal biex ta' madwaru stess, u oħrajn li bdew jiġu eżatt warajh, jitħajru minnu u mingħandu jibdew jitgħallmu jdoqqu strument. U aktar kemm bdew igerbu l-iżmna qodma, il-mużika aktar bdiet tieħu x-xejra artistika tagħha. Għallanqas fil-kamp mużikali, żgur li Ġubal irnexxielu jikser l-ewwel barriera peress li kien hu l-pijunier ewlieni li bl-inventar u d-daqq tal-istrumenti tiegħu, il-ħsejjes inġiebu flimkien biex jagħmlu sens mużikali. Minn dakinhar 'il quddiem is-skiet kien siket bil-ħolqien tan-noti mużikali li bdew ħerġin minn fomm l-istrumenti tiegħu.

Ippermettuli hawnhekk ngħid kelmtejn dwar xogħol minn tiegħi, **Odi Lil Ġubal Bin Lamek** - **Missier il-Mużika Bnedmija**, li jiena kkomponejt espressament għal dil-okkażjoni. Ma kienx fil-ħsieb tiegħi li noqgħod noħloq xi tip ta' mużika li fl-istħajjil tiegħi b'xi mod setgħet tqarreb lejn id-daqq spirtu pront ta' Ġubal b'dawk is-swaba' għaġġiela tiegħu. Aktar ridt li nippreżenta mużika li minkejja qsuritha, jirnexxilha tpenġi impressjoni tal-ambjent mimli ħsejjes elementali naturali kif kien jesperjenzah Ġubal, filwaqt li tipprova, imqar għal waqt wieħed biss, b'xi mod tesprimi ħsusu. Għal dal-għan, kemm stajt ħloqt mużika b'burdati differenti li jistgħu jkunu aggressivi u/jew minaċċanti, oħrajn sielma u/jew kontemplattivi, saħansitra misterjużi. Dan stajt nagħmlu billi f'xogħli nħaddem sistema ta' ġustapożizzjoni li permezz tagħha motivi differenti u/jew kuntrastanti jitqiegħdu wara xulxin u mhux bilfors jindaqqu dejjem fl-istess ordni. Iżda għad li xogħli hu magħmul minn sensiela ta' motivi msenslin flimkien, xorta waħda għandu forma ternarja miż-żgħar, fejn iż-żewġ partijiet ta' barra għandhom karattru robust ħafna, filwaqt li dak tan-nofs hu aktar miġbur u joffri ċertu diqa.

Il-mużika hija għall-vjolin, li huwa strument tal-korda u għandu ħafna minn leħen il-bniedem, imsieħeb mid-daqq tal-pjanu li jintuża aktar b'mod perkussiv milli kif nafuh tradizzjonalment, kif aktarx insibuh f'xogħlijiet tas-seklu għoxrin.

**Tindaqq l-ewwel silta mużikali: Odi Lil Ġubal Bin Lamek - Missier il-Mużika Bnedmija ta' Manoel Pirotta (c.2'45'') minn Odile Micallef (vjolin) u Petra Magri Gatt (pjanu)**




**Żewġ siltiet qosra minn *Odi lil Ġubal Bin Lamek – Missier il-Mużika Bnedmija* b'burdati differenti, il-waħda mmarkata *Con fuoco (b. 1-12)* u l-oħra *Adagio lamentoso ma minacciante* (b. 21-27).**

**It-Tieni moviment: Tarf is-skiet fil-mużika ta' Camilleri**

Għaddew għexieren kbar tas-snin minn mindu Ġubal ivvinta l-ewwel strumenti u daqq il-mużika tiegħu fuqhom. Minn dakinhar 'l hawn, il-mużika xterdet ma' kull rokna tad-dinja u sabet postha bħala esrpressjoni artistika. Fil-kontinent tal-Ewropa biss, din laħqet il-milja tagħha fix-xogħlijiet kapolavuri ta' kompożituri kbar. Ġara iżda, li l-bniedem tant niġġeż id-dinja ta' madwaru bl-istorbju kontinwu ta' ħsejjes artifiċjali li ħalaq huwa stess, li spiċċa ħonoq lill-istess mużika li tant kien iħobb. Minħabba f'hekk, il-kompożitur beda jmur aktar għas-silenzju sinfoniku milli l-geġwiġija kakofona f'kitbietu.

Wieħed minn dawn huwa proprju Charles Mario Camilleri, meqjus bħala l-kompożitur ewlieni nazzjonali malti, u minn tal-ewwel li kien iħobb idaħħal ħafna mistrieħ b'mod konkret fil-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu. Diġà, f'xi xogħlijiet bikrin tiegħu, fosthom 'Ħemda' għall-pjanu, 'Talba' għall-obwe waħdu, u n-notturn mimli diqa nostalġika mill-'Malta Suite' għall-orkestra sinfonika, Camilleri wera dispożizzjoni qawwija għal dal-fenominu tas-silenzju li skontu jifforma parti integrali mill-ambjent malti speċjali waqt tlugħ u nżul ix-xemx, u l-ħedla ta' wara nofsinhar sajfi.

Mis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor 'il quddiem dil-ġibda lejn is-silenzju kompliet tintesifika ruħha f'xogħlijietu li bdew ikunu aktar influwenzati mill-filosofija orjentali u l-istħajjil ta' ħsejjes smewwija. Waħda minn dax-xogħlijiet fil-fatt iġġib l-isem ta' 'Chemins', jew 'Inspace', li permezz tagħha Camilleri ta bidu għal tip ta' xogħlijiet ġodda fejn is-silenzju beda jirbaħ sew fuq in-noti mużikali. Infatti, f'dax-xogħol pjanistiku żgħir ħafna u b'sinifikat kbir insibu biss 15-il battuta, fejn kull waħda mit-tliet taqsimiet għandha ġix battuti minn kull ħamsa battala għal kollox u jerġa' b'kuruna twila fuqhom – liema sinjal ifisser li d-dewmien tagħhom hu fil-fatt ferm itwal minn kif jidher fuq il-karta tal-mużika li jkollu quddiemu l-pjanista waqt l-eżekuzzjoni. Fl-istess xogħol ukoll, il-kompożitur iħaddem biss noti mill-iskala pentatonika li ma joffru l-ebda kunflitt semitonali bejniethom, u fejn il-melodija u r-ritmu huma assenti bl-iskop li s-sens ta' żmien jiġi eradikat. Minflok, il-mużika tistrieħ biss fuq l-ftit ilwien bla mittiefsa li jistgħu joffru dal-ħames noti taħsibhom imxerrdin 'addoċċ' u b'mod spazjali maż-żewġ pentagrammi, u d-daqq ta' xi qanpiena solitarja, li bid-daqq dgħajjef u sporadiku tagħha tibqa' tipprova tħeġġeġ spiritwalment lis-semmiegħ. 'Chemins' huwa biss xogħol minn sett ta' ħamsa li jġib l-istess isem, bl-erbgħa l-oħra jisimhom 'Machine Music', 'Just a Thought', 'Rhythmic Kit' u 'Shadows of Silence' rispettivament. Is-sett kollu kien ġie stampat fl-1980 u nħareġ ukoll fuq diska kumpatta.

Xogħol ieħor importanti ta' Camilleri ta' perjodu aktar riċenti hu 'The Edge of Silence' tal-1994 għal vjolin u pjanu, u li dwaru xtaqt nitkellem ftit aktar fit-tul qabel ma mmorru biex nisimgħuh. Dan-numru jifforma parti minn xogħol akbar fi tliet biċċiet li jġib l-istess isem, bit-tnejn l-oħra jisimihom 'Still Star' u 'Energies Radiantes'. Kif jixhed ismu stess, il-mużika tinsab f'xifer is-silenzju, u bin-noti jsiru dejjem aktar sparsi, waqtiet kemm kemm jinstemgħu.

Għad li x-xogħol jagħtik impressjoni li m'għandu l-ebda qafas strutturali, fil-fatt mhuwiex hekk għax il-forma tiegħu tinħeba wara t-taparsi natura kaotika ta' noti mitfugħin 'addoċċ' min-naħa tal-vjolin, u logħob bid-dewmien eżaġerat fid-daqq tal-akkordji min-naħa tal-pjanu, li b'ilwienhom mhux tas-soltu jsaħħru 'l dak li jkun għal warajhom. Ma' dan kollu wieħed irid iżid jgħid ukoll li t-temp ġenerali hu mmarkat *Lento spazioso*, li fit-tkaxkir ta' mixjietu jkompli jgħin biex jinqered is-sens ta' ħin. Huwa biss lejn nofs ix-xogħol li t-temp għal waqt wieħed isir ftit aġitat, bis-semiminimi joqorbu lejn it-taħbit regolari ta' qalb il-bniedem. Jiġri iżda, li f'dil-istess parti qsajra ċentrali Camilleri jħaddem l-atomizzazzjoni tal-bit, għodda mużikali vvintata minnu stess u li spiss kien iħobb jużaha fix-xogħlijiet mwaħħrin tiegħu. Permezz tagħha huwa jagħti l-impressjoni li l-mużika qed tindaqq spirtu pront u n-noti mhumiex jaqblu ritmikament bejniethom meta fil-fatt dawn ikunu mniżżlin b'mod mill-aktar preċiż fuq il-pentagramma. U għad li fi smigħ għandek geġwiġija ta' noti jiġru 'l hawn u 'l hinn bla ebda rażan, din mhix għajr improvvizzjoni bil-miktub.

Fuq kull naħa tal-*Agitato* li għadna kif semmejna hemm jerġa' żewġ taqsimiet żgħar oħra, u li permezz tagħhom ix-xogħol jieħu l-forma a-b-ċ-b-a, fejn 'ċ' hija l-parti tan-nofs, filwaqt li 'a' u 'b' jeqilbu l-ordni tagħhom meta jiġu warajha – dik li aħna fil-mużika nsejħulha forma retrogradabbli li tixbah il-kelma jew frażi palindromika. Parti 'a' hi magħmula min-noti twal fuq iż-żewġ strumenti u mqassmin f'erba' frażijiet żgħar, bil-pawsi bejn waħda u oħra. Fiha nsibu ammont kbir t'aspetti, u l-ftit noti li niltaqgħu magħhom idumu jkaxkru għal ħin twil, u li b'għemilhom stess donnhom iridu joħolqu estasi. Jekk tiġbor il-ftit noti tal-vjolin flimkien għandna mnejn insibu xi forma ta' tema prinċipali. Il-pjanu min-naħa tiegħu xogħlu hu li jlewwen dil-'melodija' b'akkordji sbieħ mhux konvenzjonali li jagħmlu użu mir-reġistri kollha possibli tiegħu. Jekk niġu mbagħad għat-tieni parti 'b', fiha naraw jitwieled ritmu kostanti, fejn il-mużika ssir suġġetta għaż-żmien peress li l-kromi jridu jindaqqu f'ħinhom. Mhux biss, iżda l-vjolin hu mitlub biex juża l-vibrat waqt id-daqq biex b'hekk jagħti l-ħajja lil kull nota, imsieħba dejjem min-noti semi-stakkati tal-pjanu. Jiġri li wara ftit, il-ħoss kemm kemm jinstema' ta' dan-noti jibda jinġema' minħabba li l-istess pedala li tkun qed issostnihom tibqa' magħfusa l-ħin kollu 'l isfel. Bħal fil-każ ta' 'Chemins', hawn ukoll għandna ħjiel ta' daqq ta' qniepen ġej min-naħa tal-vjolin - liema tokki effimeri malajr jiddgħajfu u jmutu. Dan iseħħ eżatt qabel il-wasla tal-*Agitato* li diġà tkellimna fuqu. It-tieni parti 'a' fiha ħafna anqas noti mill-ewwel waħda u ħafna aktar silenzju, u mill-erba' frażijiet ftit imlaħħma li kellha qabel issa jifdal biss skeletru tagħhom. Minn dan kollu naraw lil Camilleri bħala wieħed mill-pijunieri moderni li rnexxielu jisfida d-direzzjoni ġenerali tradizzjonali u jibda miexi fuq il-fruntiera li tifred id-dinja tal-ħoss minn dik tas-silenzju fil-kompożizzjonijiet tiegħu.

---

**Tindaqq it-tieni silta mużikali: Edge of Silence ta' Charles Mario Camilleri (c. 3' 45") minn Odile Micallef (vjolin) u Petra Magri Gatt (pjanu)**

---

## It-Tielet moviment: Ma' Cage għad-dell tal-mużika siekta

U sa fl-aħħar is-silenzju. Din tas-silenzju fil-mużika kienet ilha ġejja żgur sa minn żmien Erik Satie, kompożitur eċċentriku franċiż tal-bidu tas-seklu l-ieħor li fix-xogħlijiet tiegħu diġà kien beda jagħti lok għal kitba mużikali li tinvolvi sewwa s-silenzju, jew allanqas nuqqas serju ta' noti fuq il-paġni tal-mużika, speċjalment f'dawk iddedikati lill-Ordni li tagħha kien kompożitur uffiċjali u *maestro di cappella*. Meta jfettillu wkoll, kien iħalli spazju vojt bejn il-kjavi tal-bidu u l-ewwel noti għal xejn b'xejn, u mhux l-ewwel darba li l-mużika tiegħu kienet timxi mingħajr stangetti li normalment jitqiegħdu bejn battuta u oħra.

Minn daqshekk, Satie kien wieħed mill-avangwardisti ta' żmienu, iżda dan ma jfissirx li ma kien hemm ħadd qablu li seta' esperimenta b'xi forma ta' silenzju fil-mużika. B'xi mod jew ieħor, fix-xogħlijiet ta' kull żmien issib li l-mistrieħ fil-mużika jiddaħħal dejjem tant li hemm anki sinjali apposta għalihom biex jindikaw id-dewmien tagħhom. Silenzju twil jew qasir waqt biċċa mużika jaf ikun effettiv ħafna u huwa dejjem apprezzat, kemm mill-kompożitur li jiktibha, kif ukoll minn min ikun qed jismagħha. Speċjalment f'xogħlijiet li jinvolvu aktar minn strument jew vuċi waħda, huwa essenzjali li dawn ma jitħallewx idoqqu jew ikantaw bla waqfien, mhux biss għall-istess instrumentalisti jew kantanti, li jkollhom bżonn jieħdu xi ftit tan-nifs kultant ħin, imma wkoll għall-effett fih innifsu billi jsaħħaħ l-ilħna ta' dawk involuti. Tant għandu saħħa s-silenzju li saħansitra teżisti pawsa ġenerali li permezz tagħha titwaqqaf orkestra sħiħa milli ddoqq. Wieħed imbagħad irid joqgħod ferm attent li dak li jkun ma jidħolx qabel ma din tintemm għax ir-riżultati jafu jkunu devastanti.

Jista' jingħad li kien il-kompożitur amerikan John Cage li ħareġ għall-ewwel darba bl-idea sublimi li ma jdaħħal l-ebda nota fil-mużika tiegħu meta fl-1952 kiteb il-famuża erba' minuti u tlieta u tletin sekonda għall-pjanu. Ix-xogħol fih tliet movimenti żgħar, u għad li għajr silenzju ma tismax, xorta waħda għandhom immarkat il-ħin preċiż li fih iridu jindaqqu. Il-bidu u t-tmiem ta' kull moviment jintwera billi l-pjanist jagħlaq u jerġa' jiftaħ l-għatu tal-pjanu. Mhux l-ewwel darba wkoll li dax-xogħol ġie traskritt għal orkestra sħiħa, bil-ħafna mużiċisti joqgħodu bilqiegħda bl-istrument f'idhom daqslikieku qegħdin idoqqu, waqt li d-direttur tal-orkestra jżommilhom il-ħin fuq l-arloġġ li jkollu quddiemu fuq il-leġiju li minn fuqu soltu jidderieġi. Il-ħsieb wara dax-xogħol huwa li fis-skiet kulħadd jista' isir kompożitur billi jibda jimmaġina l-mużika tiegħu qegħda tindaqq mill-kumpless li jkollu quddiemu. F'dak li hu titlu mbagħad, l-għadd tal-ħin huwa intiż biex jirredikola lill-istess żmien għax jekk dan ma jinżammlux il-ħin bl-arloġġ ma tkunx taf kemm ser itul. Infatti, il-ħinijiet li jagħti Cage jistgħu jinbidlu minn eżekuzzjoni għal oħra skont il-ħtieġa, l-ambjent li fih jindaqq, u l-udjenza li jkollok quddiemek. Normalment, l-esekuturi jżommu mal-ħin oriġinali kif hemm imniżżel fl-istess nota tal-kompożitur għax ħafna drabi t-tendenza min-naħa tal-udjenza hi li tieħu dax-xogħol bħala ċajta mużikali, bħalma ġieli kiteb xi waħda wkoll Mozart, imma mhux bil-logħob tas-silenzju. Jekk forsi mbagħad ikun hemm min jitħajjar jesperjenza s-silenzju fil-mużika għal ħin itwal hemm ukoll 'The

Monotone Symphony' għall-orkestra tal-artist franċiż Yves Klein li b'kollox iddum siegħa. Fl-ewwel moviment tisma' biss it-twerdin fuq l-istess nota għal għoxrin minuta sħaħ, u bil-bqija taż-żewġ movimenti l-oħra xejn għajr silenzju ħiereġ minn fomm l-istrumenti tal-orkestra.

John Cage kien proprju l-pijunier li rnexxielu jifdi 'l-mużika mill-madmad li kienet waqgħet fih bil-ħafna noti li sawruha tul is-snin, u minflok taha dimensjoni għal kollox differenti bl-introduzzjoni tas-silenzju assolut. Irid ikun issa xi Ġubal ieħor biex jivvinta tip ta' mużika oħra li ma smajniex bħalha qabel. Minnu li qatt ħadd ma sema' bil-mużika smewwija tal-anġli, imma tistgħu tibqgħu ċerti li fis-sikta tagħha hija l-waħda l-perfetta għax hija ispirata direttament mill-Id il-moħbija.

Iżda qabel ma nagħlaq dit-taħdita nixtieq imqar insemmagħlkom l-ewwel moviment minn ta' dax-xogħol li jiena ttraskrivejt għal vjolin u pjanu, u li għandu jdum biss madwar nofs minuta, jew biex inkun aktar preċiż, tlieta u tletin sekonda.

---

**Tindaqq it-tielet silta mużikali: l-ewwel moviment (Tacet I) minn 4' 33" ta' John Cage (33") minn Odile Micallef (vjolin) u Petra Magri Gatt (pjanu)**

---

L-awtur jixtieq jirringrazzja lil Odile Micallef (vjolin) u lil Petra Magri Gatt (pjanu) għall-esekuzzjoni tat-tliet biċċiet xogħol imsemmija waqt it-taħdita.

### Bio-note

**Mro Manoel Pirotta,** Senior Lecturer at the University of Malta, Junior College graduated in music from the CNSMD (Lyon, 1994). He was nominated International Musician of the Year for his outstanding musical achievements (IBC Cambridge, 2003) and awarded the Grand Prix des Arts for music composition and conducting (8th Malta International Art Biennale, 2007). He conducted the Catholic Institute Youth Orchestra (1987-9), Maltese Youth Orchestra (1994-6), and The Euro Academy Youth Orchestra (2002-8). Musical director of the College Orchestra since 1998. His works were played in Belgium, England, France, Germany, Italy, Malta, Serbia and Spain and have been included in piano anthologies: Kinder Garden; A Musical Tribute to Mozart from Malta; Contemporary Piano (VCM, London); Piano Music from Malta [Murray MacLachlan] (CD).